MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta ta' l-10 ta' Mejju, 2004

Citazzjoni Numru. 525/2000/1

Avukat Dottor Kevin F. **DINGLI** u Avukat Dottor Suzanne Shaw, bħala mandatarji speċjali tal-assenti Ammar Shammout

vs

**LOMBARD BANK MALTA p.l.c.**

**Il-Qorti:**

Dan huwa Degriet mogħti għall-finijiet tal-artikolu 173 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta, dwar episodju li nqala’ waqt is-smigħ tal-kawża tad-9 ta’ Ottubru, 2003, meta rappreżentant ta’ Bank kummerċjali msejjaħ b’xhud fil-kawża tella’ l-kwestjoni tal-kunfidenzjalita’ tax-xhieda li kien intalab jagħti u jekk setax jiġi mġiegħel jagħti t-tagħrif mitlub;

Illi l-imsemmi rappreżentant sejjes l-oġġezzjoni tiegħu fuq id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 38(2) tal-Att dwar l-Awtorita’ Maltija għas-Servizzi Finanzjarji (Kap 330) li madankollu ma jinsab imkien fl-imsemmija liġi kif fis-seħħ illum. Kemm hu hekk, iżjed ‘il quddiem matul is-smigħ tal-kawża, ġie mfisser li l-oġġezzjoni kienet qegħda titressaq fid-dawl tal-artikolu 107(4) tal-Att XVII tal-2002 li, fost l-oħrajn, wettaq bidliet fl-imsemmi Kap 330;

Illi l-imsemmi artikolu jrid li d-dispożizzjonijiet tal-Kap 330 fis-seħħ qabel ma ġew mibdula bl-Att XVII tal-2002 għar-rigward ta’ kumpanniji *offshore* u ta’ *nominees* għandhom jibqgħu japplikaw sakemm il-Ministru responsabbli għall-finanzi ma jippreskrivix mod ieħor b’Avviż fil-Gażżetta;

Illi, fil-fatt, jidher li l-Ministru tal-Finanzi ippreskriva appożitament dwar kumpanniji *offshore* kif jingħad fl-imsemmi artikolu 107(4), u dan bil-ħruġ tar-Regolamenti tal-2003 dwar l-Applikabilita’ tal-Att dwar il-Kumpanniji għal Kumpanniji *Offshore*[1], liema regolamenti kellhom jidħlu fis-seħħ fl-1 ta’ Jannar tal-2004;

[1] A.L. 269 tal-2003, ippubblikati fil-ħarġa tal-Gażżetta tal-Gvern tat-30 ta’ Settembru, 2003

Illi tali regolamenti japplikaw għal kumpanniji li fl-1 ta' jannar, 2004, ma kinux waqfu joperaw bħala kumpanniji *offshore*[2], u għandhom jitqiesu li jkunu ġew iffurmati u reġistrati taħt id-dispożizzjonijiet tal-Att XXV tal-1995[3];

Hemm eċċezzjonijiet partikolari msemmija fir-Regolamenti[4] ta' dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Kumpanniji li m'għandhomx japplikaw għal kumpanniji *offshore*, iżda meta l-Qorti rat l-artikoli esklużi, ma sabet l-ebda wieħed li jittratta l-kunfidenzjalita' jew l-inammissibilta' tax-xhieda mitluba quddiem Qorti. L-unika dispożizzjoni li tista' b'xi mod tolqot il-kwestjoni preżenti hija dik fl-artikolu 127(2) tal-Kap 386, li, madankollu, ma żżommx milli tinstama' x-xhieda, imma biss tirregola li x-xhieda tinstama' kameralment;

Illi għalhekk, mill-bqija, kumpannija *offshore* li, fl-1 ta' Jannar, 2004, ma kinitx waqfet taħdem, għandha titqies bħallikieku kienet kumpannija oħra reġistrata taħt l-Att tal-1995 dwar il-Kumpanniji;

Dan ifisser li, għall-każ preżenti, u dwar il-kumpannija li dwarha jew dwar il-kontijiet tagħha kien qiegħed jintalab tagħrif, japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-Kap 371 tal-Liġijiet ta' Malta, u b'mod partikolari l-artikolu 34(2)(ċ) ta'dik il-liġi;

Għaldaqstant, il-Qorti qegħda twarrab l-oġġezzjoni mressqa mir-rappreżentant talBank kummerċjali msejjaħ b'xhud bħala waħda mhix mistħoqqa, u, salv il-ħarsien tal-mod kif ix-xhieda għandha tinstama' u tinżamm u salv ukoll il-verifika jekk il-kumpannija *offshore* in kwestjoni kinitx għadha taħdem fl-1 ta' Jannar, 2004, tiddikjara li l-prova mitluba mill-Bank imħarrek hija ammissibbli u għandha tingħata bla ebda ksur ta' xi liġi fis-seħħ.

---

[2] Reg. 3(1) A.L. 269. 2003
[3] Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta
[4] Reg. 4 A.L. 269.2003

## < Sentenza In Parte >

--------------------------------TMIEM--------------------------------